Ref: **Seduta 30_26-03-08** V

## MINUTI TAT-TLETIN SEDUTA

**It-tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużat :** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16.00 b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 28_13/02/08 u 29Ad Hoc 29/02/08
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Rapport finanzjarju tal-kwart Ottubru sa Diċembru 2007
7. Approvazzjoni ta' l-estimi finanzjarji għas-sena finanzjarja 2008-2009
8. Affarijiet Oħra

### 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 28_13/02/08 u 29Ad Hoc 29/02/08

1.1 Il-minuti tas-seduta 28_13/02/08 ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni f'punt numru 3.26 paġna numru 7, li minnflok 'fiż-żmien stipulat mil-MEPA'



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

għandu jkun hemm 'qabel il-laqgħa tad-DCC dwar din l-applikazzjoni.' Wara l-korrezzjoni l-approvazzjoni tal-minuti ġew proposti mis-Sindku M. Arrigo u ssekondati mill-kunsillier N. Dimech u ġew approvati mill-kunsilliera kollha preżenti.

*Daħal il-kunsillier M. Briguglio fl-4.15pm*

*Il-kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq fil-4.45pm*

1.2 Il-kunsillier M. Briguglio għadda mozzjoni li fil-minuti tal-Kunsill (mis-seduta 29Ad Hoc il-quddiem), għandhom jibdew jitniżżlu biss d-deċiżjonijiet kif ukoll deċiżjonijiet tal-korrispondenza, li jittieħdu waqt is-seduta. Ġie ssekondat mill-kunsillier N. Dimech. Kien hemm 6 voti favur: Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono u L. Vella. 0 Astensjonijiet 0 Kontra.

1.3 Kien hemm qbil unanimu li l-minuti tas-seduta 29Ad Hoc_29/02/08 jitħallew għas-seduta li jmiss għall-approvazzjoni.

1.4 Is-Sindku M. Arrigo sosspendiet is-seduta fil-5pm sabiex il-Kunsill jgħaddi għall-*items* 6, 7 u 5, ta' l-Agenda, filwaqt li l-*accountant* tal-kunsill C. Vella ikun jista jispjega r-rapporti finanzjarji.

**6. Rapporti finanzjarji tal-kwart Ottubru sa Diċembru 2007**

6.1 Ir-rapporti finanzjarji tat-tielet kwart Ottubru sa Diċembru 2007 ġew spjegati waqt din is-seduta. Kopji tar-rapporti msemmija kienu ġew imqassma lill-kunsilliera ma' l-agenda.

**7. Approvazzjoni ta' l-estimi finanzjarji għas-sena finanzjarja 2008-2009**

7.1 l-estimi finanzjarji ġew proposti mis-Sindku M. Arrigo, issekondati mill-kunsillier N. Dimech. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti M. Azzopardi, M. Briguglio, M. Debono u L. Vella.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsilliera M. Azzopardi pproponiet filwaqt li l-kunsillier N. Dimech issekonda li l-pagamenti ta' din is-seduta minn ċekk numru 9323 sa 9400 jiġu approvati. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-pagamenti mill-kunsilliera preżenti M. Arrigo, M. Briguglio, M. Debono, L.Vella. Ġie deċiż ukoll li jinżamm il-pagament ta' l-ELC sakemm jitwaħħlu t-tabelli rigward li x-xogħolijiet qegħdin isiru mill-istess kumpanija.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Ġie deċiż li l-bankina ta' Triq Castelletti (bejn San Vinċenż u Annunzjata) tiġi rranġata permezz tal-*Joint Venture* jew bil-kuntrattur tal-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li sadanittant għandu jiġi rranġat l-isprall.

2.2 B'referenza ta' 3.2 ta' l-aħħar seduta fejn il-Kunsill kien bagħat ittra lil-MEPA dwar il-periklu minħabba l-iskavar li sar min-naħa tal-GAP f'Tigne', ġie deċiż li għandha tintbagħat

ittra lill-Prim Ministru minħabba li għad ma' rċevejniex risposta mil-MEPA.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv spjega l-korrispondenza mill-Assoċjazzjani tal-Kunsilli lokali dwar is-separazzjoni ta' l-iskart, bieb bieb. Ġie deċiż li niktbu lill-assoccjazzjoni b'dawn il-proposti:
a. Fil-festi pubbliċi ma' jinġabarx l-iskart
b. Il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart separat għandu jkun l-istess bħal ġbir ta' l-iskart l-ieħor (bejn l-1000 u 1200).
c. Il-boroż jibqgħu bla ħlas, minħabba li hemm ċans li taħdem iżjed.
d. It-Tlieta jinħareġ l-iskart tas-separazzjoni biss mir-residenti.
e. It-Tlieta, il-Ħamis u s-Sibt ikun hemm ġbir ta' skart separat għal stabbilimenti kummerċjali.

3.2 Il-kunsill ġie infurmat bil-korrispondonza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datati 20 u 25 ta' Frar, 2008 dwar il-permessi ta' l-imwejjed u s-siġġijiet.

3.3 Dwar il-*bus shelter* li kienet tpoġġiet ix-Xatt quddiem *Marks and Spencer*, ġie deċiż li għandu jinżel fuq il-post, rappreżentant tal-Kunsill sabiex jara eżatt fejn suppost kellha titwaħħal. Il-kunsill għandu jibqa jinsisti li l-*bus shelter* għandha tersaq aktar lejn tarf il-bankina.

3.4 Il-Kunsill ma qabilx mat-talba mingħand *Cancu Supreme Travel* sabiex titpoġġa *stand* għall-materjal promozzjonali ġewwa x-Xatt.

3.5 Korrispondenza minn *Les Sables d'Olonne* dwar il-ħsieb li jagħmlu *variety show* f'Tas-Sliema fit-3 ta' Mejju 2008. Il-Kunsill qal li ma jistax jiġi involut minħabba n-nuqqas ta' żmien, u dan wara r-risposta li rċevejna mingħand il-kumpanija *Ernst & Young*.

3.6 Ġie deċiż li jekk il-*Birdlife* jerġgħu jitolbu għall-permess ieħor, il-Kunsill għandu jagħti l-permess lil din l-istess għaqda.

3.7 Talba mill-Kunsill Pastorali Parrokjali għal tibdil ta' ismijiet fit-toroq. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerrilhom biex jiktbu l-*Street Naming Committee* u jagħmlu din it-talba. Il-kunsill għandu jinfurmhom ukoll li diġa kien hemm drabi oħra fejn il-Kunsill kien talab għal tibdil ta' ismijiet tat-toroq iżda ma kienux ġew milqugħa mill-*Street Naming Committee.*

3.8 B'referenza għall-korrispondenza mill-*Federazzjoni Klabbs tal-Bocci (Malta)*, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil l-istess federazzjoni fejn jinfurmhom li għandhom jagħmlu l-arranġamenti u l-permessi neċessarji, filwaqt li l-ebda *soft area* ma' tista titneħħa.

3.9 Il-Kunsill qabel mat-talba tal-*Eden Foundation* sabiex tittella' *Simon's pub Music Festival '08* nhar il-25, is-26 u s-27 t'April, 2008 fi Triq Depiro.

3.10 Il-Kunsill ġie infurmat bit-tweġiba mingħand P. Gatt tal-*Geotek Services* li bagħat dwar is-*Sliema Coastal Report*, wara li l-kummenti li kienu ntbagħtu mill-MTA. Il-kunsill ġie infurmat ukoll li dawn il-kummenti ntbagħtu lill-MTA diġa.

3.11 Wara li l-Kunsill kien talab prova ta' *patching* minn kumpanija *XS Marine Ltd (Roodeco)* quddiem il-Knisja tan-Nazzarenu, ir-risposta kienet li huma normalment ma jagħmlux provi pero stieden lill-Kunsill sabiex jekk irid imur jara xi xogħol li qiegħed isir simili fl-Ajruport ta'

Malta. Il-Kunsill ma' qabilx li għandu jmur minħabba li huma qegħdin b'mod volontarju u jekk huma interessati għandhom jagħmlu l-promozzjoni f'Tas-Sliema.

3.12 Talba minn *MPS Marketing Communications* għall-attivita' biex issir fil-*carpark* tax-Xatt xi darba s-Sibt. Il-Kunsill ma' qabilx ma' dan minħabba li l-fatt li s-Sibt hija waħda mill-aktar ġranet li jkun hemm domanda għall-parkeġġ ix-Xatt. Il-kunsill talab għall-iżjed dettalji, filwaqt li għandha niktbu fejn ninfurmawhom li normalment dawn l-attivitajiet isiru l-Ħadd. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk jinhareg il-permess kollox ghandu jigi armat u zarmat il-Hadd stess.

3.13 Talba minn *Maniera Group* sabiex tkun tista tingħalaq it-triq waqt it-twaqqieh tal-*Galaxy* fi Triq Depiro.

*Daħal il-kunsillier J. Galea fis-6.40pm*

3.14 Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ il-permess b'dawn il-kundizzjonijiet:-
Li qabel irid iġibilna ittra uffiċċjali fejn tgħid li matul il-ġranet u l-ħinijiet li jkunu qegħdin jaħdmu irid ikun hemm preżenti l-*project manager* u l-perit tagħhom kif ukoll rappreżentant mil-MEPA. Dan minħabba l-fatt li diġa kienu qegħdin iwaqqgħu fejn ħallew daħna sħiħa diversi drabi, u minħabba li hemm il-possibilta` li mhux qegħdin jimxu mar-regolamenti neċessarji. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna niktbu lill-Elbros b'dawn il-kundizzjonijiet fejn navżawhom li l-*green netting* għandu jkun skond ir-regolamenti. Kopja ta' din l-ittra għandha tintbagħat ukoll lill-Prim Ministru.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta 6.42pm*

3.15 Talba għal kaxxa safra mis-Sur Walter Borg quddiem il-garaxx tiegħu fi triq San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel il-kaxxa safra filwaqt li jitlob lis-Sur Borg jindikalna l-ħinijiet li juża dan il-garaxx.

3.16 Rigward is-sotto kumitat dwar il-kommunita' kummerċjali, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibgħat *email* lill-kunsilliera kollha fejn jistaqsi min hu interessat li jipparteċipa f'dan il-kumitat.

3.17 Rigward l-*Urban Improvement Fund* il-Kunsill qabel li għandu jipprova japplika għal proġett ieħor ta' bankina x-Xatt minflok il-proġett oriġinarjament propost dik ta' Triq Dingli ma' Triq il-Kbira.

3.18 Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex niċċekkjaw il-permessi tal-*kiosks* kollha li hemm Għar id-Dud, dwar ix-xogħlijiet ta' l-iskavar.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7.10pm.*

Minħabba li ma kienx hemm kworum u s-seduta ma setgħetx titkompla ġie deċiż li s-seduta tiġi aġġornata nhar l-Erbgħa 2 ta' April, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**